DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2204** **09. 10. 2013**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li l-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minħabba li qiegħed jitqies bħala 'ikel ġdid' mhux awtorizzat.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Prodott:** | **Hoodia Pure 800** |
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | **Pure South African hoodia gordonii** |
| **Ditta:** | **Dermaslim** |
| **Kontenut:** | **100 kapsula** |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | **Bott tal-plastik** |







Il-persuna responsabbli ġiet obbligata tirtira din il-konsenja mis-suq, iżda peress li ġie rrapurtat li l-konsenja ma nġabritx kollha, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tad-Direttorat li jinsab



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

f'Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.